MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2612/2002

**Borg Cold Stores Limited**

**vs**

**World Enterprises Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Novembru 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin cemtezmu (Lm1155.35) rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta' Gunju 2001 u dik tal-24 ta' Mejju 2002 u bl-imghaxijet legali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra l-ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin cemtezmu (Lm1155.35), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------